MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 1557/2003/1

**Maria Lourdes u Joseph Konjugi Sciberras**

**v.**

**France Sciberras, Eric Sciberras, David Sciberras, Lucianne Conti u Nadia Sciberras**

**IL-QORTI,**

Rat l-appell.

Rat ir-risposta.

Rat l-atti kollha ta' l-Appell u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Avviz**

B’Avviz tat 8 ta’ Awissu 2003 Maria Lourdes Sciberras talbet hlas fl-ammont ta’ elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500 ) ghal servigi rezi liz-zija ta’ zewgha Catherine Spiteri tul hajjitha. Illi l-istess Catherine Spiteri mietet u halliet bhala werrieta taghha lir-ragel ta’ Maria Lourdes Sciberras, Joseph Sciberras u lill-intimati. Ghalkemm interpellathom jaddivjenu ghal-likwidazzjoni ta’ l-ammont lilha dovut ghas-servigi minnha rezi dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha taghmel din il-kawza.

Illi dawn is-servigi kienu diversi u kienu jikkonsistu f’kura u assistenza lil Catherine Spiteri, visiti lilha u xoghol iehor li ghamiltilha fl-interess taghha. Ghalhekk l-esponenti talbet bir-rispett li l-intimati jigu kkundannati jhallsuha ammont ta’ flus li jigi likwidat ghas-servigi minnha rezi lill imsemmija Catherine Spiteri liema ammont gie dikjarat ghal fini ta’ kompetenza ma jeccediex l-elf u hames mitt Lira Maltija (LM1,500.)

**Risposta**

L-intimati kienu wiegbu li:

1) Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija monka u kwindi nulla, billi ma gietx proposta kontra l-werrieta kollha tad *decujus* Catherine Spiteri, li fosthom hemm l-attur Joseph Sciberras.

2) Illi l-azzjoni taz-zewg atturi ma tispecifikax il-perjodu ta’ zmien li ghalih tirreferi, pero’ fir-rigward tas-servigi pretizi hu dejjem applikabbli l-perjodu preskrittiv ta’ hames snin (Artiklu 2156 tal-kodici Civili Kap. 16) billi Catherine Spiteri mietet fit-8 ta’ April, 1996 u ghalhekk l-azzjoni ta’ kull wiehed mill-atturi hi perenta.

3) Illi l-azzjoni attrici giet istitwita tardivament billi ddivizjoni tal-wirt ta’ Catherine Spiteri saret u giet degretata mit-Tribunal ta’ l-Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt, b’decizjoni tal-4 ta’ Marzu, 2002. F’dik il-procedura, Joseph Sciberras (attur odjern) kien parti u ghalkemm kien legatarju u werriet testamentarju ta’ Catherine Spiteri, ma ghamel

ebda riserva ghall-pretensjoni tieghu u ta' martu dwar kumpens ghal servigi allegatament rezi lill-istess Catherine Spiteri.

4) Illi s-servigi minimi li talvolta setghu gew rezi miz-zewg atturi, gia` gew adegwatament kumpensati mill-mejta Catherine Spiteri, kemm bil-legat imholli lill-atturi kif ukoll mod iehor. Dan jirrizulta anke mid-decizjoni tal-imsemmi Tribunal.

5) Illi fil-verita` l-attrici Maria Lourdes Sciberras ma rrendiet ebda servigi sostanzjali lid-*decujus*, billi l-istess Catherine Spiteri kienet effetivament rikoverata f'dar ta' kura sa minn snin twal qabel ma giet nieqsa. Servigi simili u ta' l-istess entita` u natura gew rezi anke mill-eccipjenti, fi gradi differenti, u dana stante n-natura u l-entita` taghhom gew rezi fuq bazi familjari u mhux ghal skop ta' lukru.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Sentenza tat-Tribunal ghal-Talbiet Zghar.**

B'sentenza tad-19 ta' Jannar 2007 it-Tribunal ghal-Talbiet Zghar kien iddecieda dina l-vertenza billi:

Laqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u llikwida l-kumpens xieraq *familiaris causa* ghal tmien xhur qabel il-mewt ta' Catherine Spiteri u *arbitrio boni viri* llikwida is-somma ta' LM120 li ghandha tithallas mill-werrieta lill-attrici Maria Lourdes Sciberras u cioe` f'ammont ta' ghoxrin Lira (LM20) minn kull wiehed u wahda mill-werrieta.

Ghalhekk ikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' ghoxrin Lira (LM20) kull wiehed, lill-atturi bl-interessi skond il-Ligi mill prezentata ta' l-Avviz. Spejjez a karigu tal-konvenuti.

Fis-sentenza tieghu it-Tribunal iddecieda li l-eccezzjoni li l-attrici ma rrendietx servigi ma tirrizultax billi gie pruvat li l-atturi u partikolarment Maria Lourdes Sciberras kienet

tghin lil Catherine Spiteri fil-kura medika taghha kif ukoll sabiex tahsel l-indumenti taghha.

Dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni it-Tribunal iddecieda li l-ittra ufficjali pprezentata fis-7 ta’Awissu, 2000 u debitament notifikata lill-konvenuti interrompiet il-preskrizzjoni kwinkwennali taht l-Artiklu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk fil-konfront tal-werrieta kollha, l-atturi ghandhom dritt biss ta’ kumpens ghall-ahhar tmien xhur tal-hajja tad-*decujus* u ghalhekk laqa’ l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni f’dan is-sens.

Illi dwar  it-tielet eccezzjoni ta’ nullita` ta’ l-azzjoni minhabba l-fatt illi l-kawza ma gietx istitwita kontra l-werrieta kollha, it-Tribunal kien tal-fehma li Joseph Sciberras zewg l-attrici Maria Lourdes, jibqa’ dejjem wiehed mill-werrieta indipendentement mill-ezitu tal-kawza. It-Tribunal huwa tal-fehma ukoll illi l-kawza ma saritx tardivament ghaliex talba ghal servigi hija independenti minn qsim ta’ wirt u m’hemm ebda obbligu illi l-azzjoni tigi proposta qabel jew matul id-divizjoni. F’kwalunkwe kaz il-qsim tal-wirt sar fl-4 ta’ Marzu, 2002 u bl-ittra ufficjali tas-7 ta’ Awissu, 2000 il-werrieta kienu diga gew interpellati sabiex jaddivjenu ghall-likwidazzjoni tas-servigi rezi.

Ili dwar ir-raba eccezzjoni li l-atturi gew kumpensati bi prelegat it-Tribunal qal li hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi prelegat imholli favur wiehed mill-werrieta ma jistax jitqies bhala kumpens ghal servigi, ghalkemm ghandu jinghad ukoll illi s-servigi qeghdin jigu pretizi primarjament minn Maria Lourdes Sciberras li ma kienet issemmiet imkien fit-testment.

Dwar il-mertu t-Tribunal wasal ghal konkluzzjoni li servigi gew rezi mill-attrici izda huma *familiaris causa* u mhux servigi rezi minn terzi barra mic-cirku familjari. Meta gie biex jillikwida l-ammont dovut t-Tribunal ipprovda ghall-likwidazzjoni ta’ kumpens xieraq *familiaris causa* ghal tmien xhur qabel il-mewt ta’ Catherine Spiteri u *arbitrio boni viri* llikwida s-somma ta’ LM120) u cioe` f’ammont ta’

ghoxrin Lira (LM20) minn kull wiehed u wahda mill-werrieta.

**Appell**

Minn dina s-sentenza appellaw Maria Lourdes u Joseph konjugi Sciberras. Basikament l-aggravju taghhom huwa li l-ammont kwantifikat bhala dovut ghas-servigi kien baxx wisq u l-kwantifikazzjoni tal-kumpens dovut kien erronju. Huma jargumentaw li t-Tribunal stabilixxa kumpens wara li kkunsidra li s-servigi gew rezi familaris causa meta fil-fatt il-kuncett ta' *familiaris causa* fid-dritt ghal servigi m'ghadux applikabbili llum il-gurnata.

L-appellati ma appellawx minn dina s-sentenza izda wiegbu biss ghall-appell tal-konjugi Sciberras billi l-ewwel nett oggezzjonaw ghall-prezentata ta' zewg dokumenti mar-rikors ta' l-appell u talbu l-isfilz taghhom a bazi ta' l-Artikolu 206(ii) u 208 tal-Kap. 12. Fil-mertu ssottomettew li l-appell tal-konjugi Sciberras jirrigwarda biss il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut ghas-servigi. Huma jargumentaw li meta t-Tribunal irrefera ghat-terminu ta' *familiaritatis causa*, hu kien li jirreferi ghal servigi rezi minn membru tal-familja u mhux servigi li m'ghandhomx jigu kumpensati, ghax fil-fatt it-Tribunal ikkumpensa lill-konjugi Sciberras f'kumpens minimu ghas-servigi ta' natura lievi li gew rezi. Finalment l-appellati jissottomettu li f'kull kaz l-apprezzament maghmul mit-Tribunal ma hux tali li jista' jitqies manifestament hazin jew li jirrikjedi l-intervent ta' dina l-Qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar it-talba ta' l-appellati biex jigu sfilzati z-zewg dokumenti prezentati mar-rikors ta' l-appell a bazi ta' l-Artikolu 206(ii) u 208 tal-Kap. 12 il-Qorti tirrileva li z-zewg dokumenti prezentati, huma Dok A – Estratt mid-divizzjoni tal-wirt ta' Catherine Spiteri u Dokument B – kopja ta' l-informazzjoni moghtija lill-pazjenti ta' Zammit Clapp Hospital.

Rigward l-ewwel dokument dan hu parti ta' dokument li diga` kien gie ezibit fl-atti tal-process a fol. 12. Rigward id-Dokument B dan gie ezibit biex isahhah dak li diga` xehdet Maria Lourdes Sciberras quddiem it-Tribunal li kien obbligu tal-pazjent u l-familjari tieghu li jfornu hwejjeg godda. L-appellanti xehdet li hija kienet tahsel kuljum il-hwejjeg ta' Catherine Spiteri minhabba l-kondizzjoni medika taghha.

Il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 206(ii) kien gie revokat bl-Att XXX1 tas-sena 2002 mentri l-Artikolu 208 tal-Kap. 12 jirreferi ghall-produzzjoni ta' xhieda quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Izda dwar it-talba ghall-isfilz tad-Dok B il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ddecidiet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Borg vs Fogg tal-4 ta' Novembru 2005 fejn kien hemm talba simili ghal dika li ghamlu l-appellati.

Il-Qorti ta' l-Appell kienet qalet hekk:

"Din il-kwistjoni legali sollevata mis-socjeta` appellata li trid tigi determinata fid-dawl ta' l-Artikolu 145 u 150 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap.. 12. L-Artikolu 145 jiddisponi, *inter alia*, li mar-rikors ta' l-appell ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet kontenuti fl-istess appell. Ghalhekk, huwa ovvju li l-legislatur, stranament, jippermetti l-produzzjoni ta' dokumenti godda mar-rikors ta' l-appell.

Imbaghad, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 150 ta' l-istess Kodici jiskattaw espressament meta dokument ma jigix ipprezentat kif stabbilit fl-Artikolu 145 ta' l-istess Kodici. Fi kliem iehor, l-Artikolu 150 jistabilixxi c-cirkostanzi meta jistghu jingiebu d-dokumenti fl-istadju ta' l-appell, pero` dana meta l-istess dokumenti ma jkunux gew ipprezentati flimkien mar-rikors ta' l-appell".

Isegwi ghalhekk li d-disposizzjonijiet kontenuti fl-imsemmi Artikolu 150 ma japplikawx ghall-kaz odjern in vista tal-fatt li d-dokument li qed jigi kkontestat mill-appellati kien gie pprezentat mill-appellanti flimkien mar-rikors ta' l-appell

taghhom. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li qed issostnu l-appellati f'dan l-appell, id-dokument B in kwistjoni huwa ammissibbli skond il-ligi, u dan aktar u aktar peress li fi kwalunkwe kaz dan id-dokument ma jzid xejn gdid mal-provi gia` prodotti.

Ghaldaqstant it-talba ta' l-appellati li l-istess dokument jigi sfilzat mill-atti tal-kawza ma hijiex sostenibbli.

Dwar id-decizjonijiet tat-Tribunal fuq l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellati la sar appell mill-appellati u lanqas mill-appellanti u ghalhekk dak li gie deciz mit-Tribunal f'dawk ir-rigward issa ghadda in gudikat. L-appellanti jaqblu (ara trattazzjoni orali quddiem dina l-Qorti) li d-dritt ta' servigi kien preskritt hlief ghall l-ahhar disa', tmien xhur.

L-aggravvju ta' l-appellanti hu principalment li l-ammont kwantifikat bhala dovut ghas-servigi kien baxx wisq u l-kwantifikazzjoni tal-kumpens dovut kien erronju. L-appellanti jghidu li l-kuncett ta' *familiaris causa* fid-dritt ghal servigi m'ghadux applikabbili llum il-gurnata mentri l-appellati jsostnu li t-Tribunal effettivament ikkumpensa lill-appellanti avolja saret riferenza ghall-fatt li dawn saru *familiaritatis causa*.

Il-funzjoni ta' dina l-Qorti f'dan il-kamp hija ristretta fl-ezercizzju tal-gurisdizzjoni u funzjoni taghha u ma tiddisturbax facilment il-valutazzjoni li tkun saret mill-Qorti ta' Prim Istanza u l-apprezzament tal-provi u l-affidament li tkun tat fir-rigward tad-diversi xhieda, hlief jekk dak l-apprezzament in generali jew in partikolari jkun manifestament hazin u jirrikjedi l-intervent taghha. Jekk fuq il-bazi tal-provi mismugha mill-ewwel Qorti din setghet tasal ghall-konkluzzjoni minnha raggunta din il-Qorti ghandha tirrispetta dik id-diskrezzjoni. (ara Appell R.Fenech et vs F.Grech 3 ta' Dicembru 1999).

Ghalhekk bhala norma l-Qorti ta' l-appell ma tiddisturbax id-decizjoni ta' l-ewwel qorti meta din tkun bazata fuq semplici apprezzament ta' provi li jingiebu quddiemha. B'dana kollu kemm-il darba jrrizulta li tali apprezzament

tal-provi, mehud ukoll fil-kuntest tal-vertenza proprja, ma jkunx ekwu din il-Qorti hija fid-dmir li taghmel ezami mill-gdid tal-provi sabiex b'hekk issir gustizzja. (1303/1992 8/5/03 – Appell. Dalli vs Borg).

Dwar il-kwistjoni tal-*familiaritatis causa* llum it-tendenza tidher li hi kif intqal fis-sentenza "Victoria Azzopardi vs Emanuel Azzopardi" (24 ta' Mejju 1989) fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat li hadd m'hu prezunt li ppresta servigi lil haddiehor anke jekk dan ikun familjari u dan minghajr hsieb li jithallas taghhom, ara anke, "Mary Grace Attard et vs Rosario Attard" (13 ta' Ottubru 1989, Vol. LXXIII.II. 396) fejn intqal: "Illi rigward il-kwistjoni ta' servigi rezi l-posizzjoni skond il-gurisprudenza recenti hija li anke rigward dawk prestati minn parenti, il-prezunzjoni hi li 'kwalunkwe servigi ghandhom jigu ritenuti pprestati bi speranza ta' kumpens'. Biex taqa' din il-prezunzjoni jridu jikkonkorru cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`. L-intenzjoni tal-gratuwita` u rinunzja ghall-kumpens ghas-servigi ma ghandhomx jigu akkolti facilment" (Giuseppe Deidun vs Emilia Poggi, Vol. XXXVIII.II. Pg 568).

Fis-sentenza tieghu t-Tribunal meta cahad l-eccezzjoni li l-attrici ma rrendietx servigi qal li kien gie pruvat li l-atturi (llum appellanti) u partikolarment Maria Lourdes Sciberras kienet tghin lil Catherine Spiteri fil-**kura medika taghha** kif ukoll **sabiex tahsel l-indumenti taghha.** Ghal dan, it-Tribunal hass li kellu jikkumpensa lill-appellanti bis-somma ta' Lm120 fuq perjodu ta' tmien xhur.

L-appellanti ssottomettew fl-appell taghhom li dana l-ammont mhux ekwu ghax lanqas ikopri l-ispejjez tat-trasport kostanti mis-Siggiewi sa' Zammit Clapp tul perjodu ta' tmien xhur.

Illi dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, gurisprudenza stabbiliet tlett kriterji li ghandhom jigu addottati sabiex jigi likwidat tali kumpens: (i) il-frekwenza u x-xorta ta' servigi, (ii) il-mezzi tal-konvenuta u (iii) il-parentela ta' min jirrendi s-servigi ma' min juzufruwixxi mill-istess servigi (ara Vassallo vs Aquilina – Prim Awla 29 ta' Gunju, 1982,

Cutajar vs Vella – Prim Awla 6 ta’ April, 1982, u Buhagiar vs Mifsud – Prim Awla 1 ta’ Frar, 1983).

Il-frekwenza u x-xorta ta’ servigi,

It-Tribunal accetta li l-appellanti Maria Lourdes Sciberras kienet tghin lil Catherine Spiteri fil-kura medika taghha kif ukoll sabiex tahsel l-indumenti taghha. Dan it-tip ta’ servizz jinvolvi rabta u mpenn, fis-sens li jekk wiehed jindahal biex jiehu hsieb xi hadd, jew xi haga, bhala hasil ta’ hwejjeg, mhix kwistjoni bhal meta taghmel zjara ’l hawn u ’l hin skond l-aptit jew skond kif ifettillek imma rabta ta’ kull jum jew kull tant zmien. L-appellanti xehdet li hija kellha tahsel il-hwejjeg ta’ Catherine Spiteri kuljum fl-ahhar xhur ta’ hajjitha. L-istess dwar il-kura medika li kienet taghtiha bhala nurse. Il-fatt li Catherine Spiteri kienet rikoverata l-isptar ma jfissirx li hemmhekk kellha l-bzonnijiet taghha kollha pprovduti mill-isptar.

Il-mezzi ta’ Catherine Spiteri

Bhala mezzi tal-persuna li gawdiet dawn is-servigi jirrizulta li Catherine Spiteri halliet warajha somma sostanzjali .

Il-parentela ta’ min jirrendi s-servigi ma’ min juzufruwixxi mill-istess servigi.

Kwantu ghall parentela jigi rilevat li f’dan il-kaz ghalkemm it-Tribunal iddecieda li s-servigi nghataw *familiaritatis causa*, fil-fatt Catherine Spiteri kienet biss iz-zija tar-ragel taghha, Joseph Sciberras, u ghalhekk ma kienx hemm dik ir-rabta strettament familjari.

Ghalhekk din il-Qorti fil-waqt li tikkonferma dak li ddecida t-Tribunal li Maria Lourdes Sciberras irrendiet servigi lill Catherine Spiteri, hi pero` tal-fehma li l-ammont likwidat mit-Tribunal kien baxx wisq konsidrat dak li ghadu kemm intqal u ghalhekk qed izzid l-ammont ghall-Lm600.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi

Fil-waqt li tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal fejn laqghet it-talba attrici, tirrevoka fil-parti fejn ikkundannat lill konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm 20 kull wiehed, u minflok tikkundannhom ihallsu s-somma ta' Lm 100 kull wiehed lill Maria Lourdes Sciberras, bl-interessi skond il-Ligi mill-prezentata ta' l-Avviz.

Spejjez a karigu tal-appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------